MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 646/2007

**Talba Nru: 646/07VGD**

Cementstone Manufacturing Company Limited (C7758)

Vs

Nicholas Bonello (Id. 422562M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u disa u hamsin centezmu (Lm295.59c), rapprezentanti il-prezz ta' materjal ta' bini ordnat u kkonsenjat mis-socjeta' attrici. Illi nonostante interpellat sabiex ihallas, anki permezz ta' ittra ufficjali

datata 28 ta' Marzu 2007 debitament notifikata lilu fl-4 ta' April 2007, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr raguni valida. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-konsenja, ossia mill-25 ta' April 2005 sal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin Ewro u erba u hamsin centezmu (€688.54), ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u disa u hamsin centezmu (Lm295.59c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------